MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Numru. 393/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Maria Stella Attard)**
**(Sp. Jesmond J. Borg)**

**v**

**Francesco Saverio Cutajar ta’ 35 sena**
**Bin Peter u Felicia xebba Buttigieg, imwieled**
**il-Pieta’ fit-22 ta’ Lulju, 1966 u residenti**
**37, Triq Karmenu Vassallo, Siggiewi, detentur**
**tal-karta tal-identita’ bin-numru 316366 (M)**

**Michael Angelo Cutajar ta’ 38 sena bin Peter**
**u Felicia xebba Buttigieg imwieled il-Pieta’**
**fis-17 ta’ Ottubru, 1963 u residenti 7, Triq Mattia**
**Preti, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita’**
**bin-numru 556663 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Francesco Saverio Cutajar u Michael Angelo Cutajar li gew akkuzati talli:

(1) Fit-30 ta’ Mejju, 2001 ghall-habta tat-8.00 a.m. f’Hal Qormi kkommettew serq ta’ Brand Cutting Machine tal-marka Ryobi model TSC-305A serial number SN 2058 mill-hanut Attard Tipped Tools, Triq is-Sebh, Qormi li l-valur taghha jammonta ghal aktar minn mitt lira Maltin, u cioe madwar Lm 256.45 liema serq hu aggravat bil-valur u bil-vjolenza ghad-dannu tas-sidien John Attard mill-Isla u Jesmond Attard minn Marsascala.

(2) U aktar talli fl-istess data, hin, loku cirkostanzi fil-hanut “Attard Tipped Tools”, Triq is-Sebh, Qormi u fi Triq is-Sebh, Qormi u kkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Jesmond Attard minn Marsascala skond kif iccertifika t-Tabib Dr Jospeh Tonna MD mill-Isla.

(3) U aktar talli fl-istess, data, hin, loku cirkostanzi, alternattivament, bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghlu bl-awtorita’ taghhom nfushom, lil xihadd ihallas dejn, jew esegwew obbligazzjoni, kienet li kienet jew fixklu lil xihadd fil-pussess tieghu jew b’xi mod iehor, kontra l-ligi, ndahlu fi hwejjeg haddiehor.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (a fol 8).

Rat li l-akkuzati t-tnejn wiegbu li ma kellhom ebda oggezzjoni ghal dawn il-proceduri sommarji kif ukoll li ma kinux hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat il-provi kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi fl-ewwel lok

Illi nonostante ghall-akkuzi addebitati liz-zewg akkuzati, u cioe dik a’ serq aggravat, feriti ta’ natura hafifa u ta’ ragion fattasi, hija l-fehma ta’ din il-Qorti li certament l-ebda wiehed mill-ahwa ma kellu jew wera xi mens rea necessarja sabiex jigi kostitwit ir-reat ta’ serq.

Huwa veru li ttiehdet il-magna cutter Ryobi mill-hanut fejn kien hemm l-ahwa Attard mill-fond Attard Tipped Tools, pero’ din ittiehdet biex jigi assigurat illi jigu moghtija lura l-flus ta’ bicca ghodda precedentement mixtrija minn Francesco Cutajar, li fil-fehma ta’ l-istess akkuzat kienet malfnzjonanti.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti hawn si tratta ta’ xejn anqas jew aktar mir-reat ta’ ragion fattasi.

Fil-fatt l-azzjoni ta’kif ittiehdet il-magna msemmija u r-raguni ghala ttiehdet jissodisfaw l-elementi kostitwiti ta’ dan ir-reat kif ben stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta’ Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Sp. J. Mercieca) v Spiro Bartolo (09/01/06) Appell Kriminali numru 297/05 u cioe illi:

“l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ ragion fattasi taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe:

(a) att estern li jispolja lil xihadd minn xihaga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta’ dan il-hadd iehor,
(b) il-kredenza li l-att qed isir b’ezercizzju ta’ dritt;
(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel “di privato braccio” dak li jmissu jsir permezz ta’ l-awtorita’ pubblika, u
(d) n-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.”

Hija tal-fehma din il-Qorti li l-magna ttiehdet biss biex tintuza bhala rikatt biex jigi ritornati l-flus lura ta’ ghodda malfunzjonanti. Xejn ma kienet konvincenti l-verzjoni

moghtija miz-zewg akkuzati fl-istqarrija taghhom u cioe li huma t-tnejn gew awtorizzati li jiehdu l-magna.

Illi ghalkemm l-azzjoni per se tat-tehid tal-cutter fizikament sar biss minn Francesco Saverio Cutajar, Michael Cutajar kienghal kollox konpartecipanti fl-azzjoni fatt dan li wrieh billi anke pprova jzomm lil Jesmond Attard milli jiehu lura l-istess magna minn idejn huh Francesco.

Hija ghalhekk tal-fehma din il-Qorti illi l-akkuzati t-tnejn huma hatja tar-reat ikkontemplat taht l-artikolu 85 tal-Kapitlu 9.

Daqstant iehor hija konvinta l-Qorti illi l-akkuzati t-tnejn kemm huma nfliggew griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jesmond Attard kif iccertifika Dr Joseph Tonna (vide Dok JA1 fol 57). Dawn il-griehi gew sofferti minn Attard meta huwa safa attakkat mill-akkuzati Cutajar meta mar jirriprendi l-pussess tal-magna Ryobi minghand Francesco Saverio Cutajar.

Rat il-verbal a fol 76 fejn il-parte civile irrinunzjat ghall-kwerela taghha fil-konfront ta' griehi hfief.

Ghaldaqstant qed issib lil Francesco Saverio Cutajar u Michael Angelo Cutajar hatja tar-reati kkontemplati taht l-artikoli 85 tal-kapitlu 9. Dwar il-piena rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9, rat il-fedina penali ta' kull akkuzat, qeghda tikkundanna lil kull akkuzat ghal multa ta' tliet mitt lira Maltija (Lm 300) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------